**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 600/2024**

**IR-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Hasam Samuel Ezzeldin**

**Illum 8 ta' Awissu 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Hasam Samuel Ezzeldin ta' 24 sena, imwieled fit-2 t'Awwissu 1999 gewwa l-Pietà, iben Aly Hassan Ezzeldin u Nadia Al Sous Rapinett nee' Rapinett Attard, detentur tal-karta ta' I-Identità bin-numru 261199M u residenti B36, Triq I-Iskuna, San Pawl il-Bahar.**

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Lulju 2024 ghal habta ta' bejn is-siegha u I-erbgha ta' filghodu (01:00 - 04:00) gewwa Triq J. Quintinus San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Giejjer:

1. Hassar jew gharraq hweijeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzioni BBW 992 tal-ghamla BMW ghad-dannu ta Stephen Agius ID: 0513477M u/jew ta' persuni ohra liema ammont

ta' hsara hu ta' aktar minn mitejn u hamin ewro (€250) izda ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

2. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti li kienu jinsabu fil-vettura BBW 992 tal-ghamla BMW ghad-dannu ta' Julian Bonnici ID: 466597M, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bix-xorta u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghorin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment tal-istess Julian Bonnici ID: 466597M u/jew persuna ohra.

Akkuzat wkoll talli fit-30 ta' Lulju 2024 gewwa Triq J. Quintinus San Pawl il-Bahar:

3. Naqas milli jhares wahda jew izjed mill-kundizzionijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo b'digrietn moghti nhar it-30 t'April 2024 li bih inghata I-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta ta' sentenza datata 9 ta' Marzu 2022 moghtija mill-Magistrat Dr. Monica Vella fejn kien gie misjub hati tar-reat u inghata Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 31 ta' Lulju 2024;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', certifikat tat-twelid ta' l-imputat immarkat bħala DOK GS1, Fedina penali ta' l-imputat immarkat bħala Dok GS2 u l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali immarkat bħala Dok GS3;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-31 ta' Lulju 2024;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli325(1)(b), 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Hasam Samuel Ezzeldin ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.

Inoltre għal dak li jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni u bħala konsegwenza għad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' l-imputat Hasam Samuel Ezzeldin il-Qorti qegħda tordna l-konfiska ta' favur il-Gvern ta' Malta ta' ħames mitt Ewro (€500) bħala parti mis-somma stabbilita mid-depożitu għall-ħelsien mill-arrest tiegħu taħt garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta datat 30 t'April 2024 u tordna r-riarrest tiegħu.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**